# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 3 ta' Mejju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Stephen Galea**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Stephen Galea ta' erbgha u erbghin (44) sena, iben missier mhux maghruf u Catherine Spiteri xebba Galea, imwieled l-Pieta', Malta nhar il-20 ta' Lulju 1978, residenti gewwa l-fond 47, Ignazio, Flat 4, Triq Guzeppi Callus, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita numru 397978M

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-tlieta (3) ta' Dicembru elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), u l-erbgha (4) ta' Dicembru elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), gewwa l-Mosta u/jew fil-gzejjer Maltin:

1. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet mill-Qorti Kriminali (Malta) Onor Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jkun rinkazat bejn it-tmienja ta' filghaxija (20:00hrs) u s-sebgha u nofs ta' filghodu (07:30hrs)

   Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' id-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' l-imsemmi Stephen Galea kif ukoll tordna li s-somma ta' ghaxart elef Ewro [sic] (€5,000) bhala garanzija personali u kif ukoll id-depozitu ta' elfejn euro (€2,000) jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fil-lejl ta' bejn it-tlieta (3) ta' Dicembru elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), u l-erbgha (4) ta' Dicembru elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), gewwa l-Mosta u/jew fil-gzejjer Maltin:

2. Ikkawża lil Mauro Polidano biża li se tintuża vjolenza kontrih;

3. Garr strument li jaqta' u bil-ponta (mus) barra mill-fond li fih jirrisjedi u/jew id-dintorni tieghu minghajr il-licenzja tal-Kumissarju tal-Pulizija

4. Ghamel lil Mauro Polidano ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

5. Saq vettura bil-mutur tal-għamla BMW bin-numri ta' reġistrazzjoni LCO449, bi b'mod perikoluz, bla kont u traskurat;

6. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa ghad-dannu ta' Mauro Polidano u/jew persuni ohra, liema hsara ma teccediex l-elfejn u mitejn u hamsin euro (2,500 euro)

7. Saq vettura bil-mutur tal-għamla BMW bin-numri ta' reġistrazzjoni LCO449 mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskji għal-terzi persuni;

8. Saq vettura bil-mutur tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni LCO449 mingħajr liċenzja tas-sewqan;

Il-Qorti giet mitluba illi f'każ ta' sejbien ta' ħtija timponi dawk il-punti penali li jidrilha xierqa, fuq il-liċenzji kolla tas-sewqan tal-ħati hekk kif kontemplat fir-regolament 36A et sequitur tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-liġi, tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb kull liċenzja tas-sewqan għal dak it-tul ta' żmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti giet ukoll mitluba titratta ma' Stephen Galea bhala persuna recidiv ai termini tal-Art. 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' Mauro Polidano ai termini ta' l-Artikolu 412C tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabli Qorti jidhrilha xierqa.

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Il-FATTI**

5. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma in succint is-segwenti:

(i) Nhar l-4 ta' Dicembru 2022 ghal habta tas-siegha u nofs ta' wara nofs-in-nhar (1.30pm), Mario Polidano irraporta gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, li aktar kmieni u cioe fil-lejl ta' bejn it-3 ta' Dicembru 2022 u l-4 ta' Dicembru 2022 ghal-habta tas-saghtejn u ghoxrin ta' fil-ghodu (2.20pm) kien qed isuq il-vettura ta' missieru li hi tal-ghamla Chevrolet bin-numru ta' registrazzjoni HBD-675 gewwa Triq Jal Millbrae direzzjoni lejn il-Mosta. Hu qal li xeghel l-indicator biex jaqleb ghal fuq il-karreggjata tal-lemin biex ikun jista' jiehu t-tielet entratura mar-roundabout li kienet gejja. Polidano qal li giet vettura tal-ghamla BMW minn wara b'velocita konsiderevoli u kien hemm kolluzjoni bejn il-vettura li kien qed isuq hu, u l-vettura BMW, li kellha n-numru ta' registrazzjoni LCO-449.

(ii) Polidano qal li s-sewwieq tal-vettura BMW hareg mill-vettura u beda jidghi u jkellmu hazin, u jinsisti li t-tort kien ta' Polidano. Polidano qal li s-sewwieq kellu bejn l-erbghin u l-hamsin sena u kien fartas. Polidano qal ukoll li meta issugerixxa biex icemplu l-wardens jew Pulizija, ix-xufier hareg mus u ippuntah lejh f'distanza ravvicinata, u heddu li jtih daqqa bih. Polidano imbuttah minn spallejh u ipprova jikkalmah.

(iii) Prezenti wkoll ghal dan l-incident kien hemm Clayton Sammut, habib ta' Polidano, u li kien qed isuq b'vettura ohra wara Polidano.

(iv) Minn investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija irrizulta li l-vettura BMW LC0-449 kienet registrata fuq Daniel Attard. Attard qal lill-Pulizija li hu kien sellef il-vettura lil habib tieghu Yousef Essesi. A sua volta, Essesi qal lill-Pulizija li ta c-cwievet ta' din il-vettura lil certu Stephen u tahom in-numru tal-mobile tieghu. Fil-fatt, minn investigazzjonijiet ulterjuri, irrizulta li dan Stephen huwa l-imputat.

(v) L-imputat gie arrestat u ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu waqt l-interrogatorju. Sussegwentement hu gie mressaq il-Qorti mixli bl-imputazzjonijiet odjerni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

6. F'dawn il-proceduri Polidano ikkonferma li l-verzjoni tal-fatti li hu ta lill-Pulizija. Huwa gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kien qed isuq il-vettura BMW u li hareg il-mus ghalih, fil-waqt li kien qed jidghi u joffendih. Huwa qal li fil-vettura BMW fis-seat tal-passiggier kien hemm mara mitlufa minn sensiha. Huwa xehed li l-mus kien tad-ditta Opinel u kien cirka ghaxar (10) centimetri miftuh. Mistoqsi mid-difisa ghaliex ma cempilx lill-Pulizija dak il-hin, Polidano wiegeb hekk *"Nghidlek is-sew jien kont ksaht u tip ma kontx sura biex nikkomunika sew fhimt? Like ma bdejtx inhossni safe bil-Malti fhimt?"*[1]

7. Ix-xhieda ta' Polidano giet korroborata bix-xhieda ta' Clayton Sammut, li kien qed isuq wara Polidano u ra l-kollizjoni bejn iz-zewg vetturi, u waqaf isuq biex jara x'gara. Huwa wkoll gharaf lill-imputat fl-awla bhala x-xufier li hareg mill-vettura BMW u li sussegwentement hedded lil Polidano bil-mus.

8. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza tghid li mid-deposizzjoni ta' Mauro Polidano jirrizulta li kien Polidano stess responsabbli ghall-incident stradali, stante li baqa' hiereg mill-*"give way"*, u allura l-akkuza numru sitta (6) ma hijiex provata skond il-ligi. Id-difiza ticcita dan il-bran mix-xhieda ta' Polidano:

   *"Ezatt. Insomma kont qieghed insuq xelt l-indicator biex indur 3rd exit ghar-Rabat u x'hin kont qed neqleb nara din hin minnhom ma ndunajtx mal-ewwel ghax ghaglet naqra l-karozza inhabat minn wara haw mal-bieba tal-passiggieri l-karozza msomma ... ...* [sic]

   *Ezatt kienet qieghda fuq ir-right lane u jiena kont fuq il-left u jiena kont qed neqleb kont nara way biex nghaddi ovjament u spidjat din il-karozza."*

9. L-ewwel paragragrafu tax-xhieda ta' Polidano tinsab a fol. 25 tal-process, u t-tieni paragrafu jinsab a fol. 32. Din il-Qorti se ticcita l-parti tax-xhieda li tat lok ghat-tieni paragrafu fil-kuntest taghha:

   *"Ix-Xhud:* *Kont ghadni qed neqleb il-lane biex umbaghad eventually nohrog gor-roundabout.*

[1] Ara fol. 38 tal-process.

*Il-Qorti:* *U l-vettura provat tissorpassak xhiex?*

*Ix-Xhud:* *Ezatt kienet qeghda fuq ir-right lane u kont fuq il-left u jiena kont qed neqleb kont qed nara way biex nghaddi ovvjament u spidjat din il-karozza."*

10. Minn din ix-xhieda, jirrizulta car li meta sehhet il-kollizjoni, Polidano ma kienx qieghed hiereg biex idur mar-roundabout, imma kien ghadu fil-process li jaqleb il-karreggata tax-xellug ghal dik tal-lemin biex eventwalment iddur mar-roundabout. Min-naha l-ohra, lanqas il-vettura BMW ma kienet qed iddur mar-roundabout, imma kienet qed tigi misjuqa b'velocita qawwija fuq il-karreggata tal-lemin tat-triq u s-sewwieq ma ndunax fil-hin bil-manuvera li kien qed jaghmel Polidano. Fil-fatt fix-xhieda tieghu Clayton Sammut jghid hekk:

*"... ... (J)iena kont tiela wahdi bil-vettura tieghi ... ... jien u tiela nara vettura tal-ghamla BMW telghet ziffa jigifieri minn mieghu u mill-boghod naraha tahbat go karozza minn wara jigifieri just a few metres before the roundabout ... ..."*[2]

11. Ghaldaqstant din is-sottomissjoni tad-difiza hija fattwalment infondata, u l-kawza prossima tal-incident kienet il-velocita eccessiva li biha kienet qieghda tinsaq il-vettura BMW, iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra li kienet qed tavvicina roundabout.

12. Id-difiza tissottometti li hemm kunflitt fil-provi billi filwaqt li Polidano jghid li ra sew il-mus u jaghti deskrizzjoni tieghu, Sammut jghid li ma rahx il-mus ghax kien il-boghod, pero kien vicin bizzejjed biex sema' lill-imputat jghid lil Polidano jekk iridx *'daqqa ta' mus."* Frankament, din il-Qorti ma tara xejn kunfliggenti bejn dawn iz-zewg verzjonijiet. Polidano kien vicin hafna l-imputat tant li meta urih il-mus, Polidano imbuttah b'idejh, kif xehdu Polidano u Sammut. Min-naha l-ohra Sammut xehed li *"jiena ma kontx ezatti fejhom jigifieri kont few metres away."*[3] In kontro-ezami Sammut xehed li hu waqqaf il-vettura tieghu mal-genb, u kompla jghid hekk *"Jiena kif ghidtlek kont at an angle smajt intik daqtejn mus ... ... Jien kif ghidtlek kont dik id-distanza u x'hin smajt hekk bqajt*

---

[2] Ara 41 tal-process.
[3] Ara fol. 42 tal-process.

*hemm ksaht."*[4] Meta mistoqsi in kontro-ezami jekk hu semghax l-imputat ghax kien qed jghajjat, Sammut wiegeb hekk: *"Filghodu kien hemmhekk bilkemm kien hemm hoss u dak il-hin tkun hyper sensitive tipo imbezzgha."*[5] Iktar qabel, in ezami Sammut qal li meta sema l-kelma mus *"jiena bdejt nghidilhom ikkalmaw ikkalmaw ... ..."*

13. Ghalhekk jirrizulta car mill-provi li Sammut kien *within hearing and talking distance* ma' Polidano u l-imputat. Ovvjament ma setghax jara l-mus ghax kien il-boghod, id-dlam u qed jara mill-genb. Pero f'dak il-hin hekk bikri ta' fil-ghodu, fis-skiet, id-diskors jinstema' izjed.

14. Id-difiza tqajjem ukoll dubju jekk effettivament kienx vera mus dak li wera l-persuna li allegatament kienet involuta fl-incident. Din is-sottomissjoni tad-difiza hija sempliciment frivola, ghax Polidano mhux biss xehed dwar il-qies tal-mus, izda wkoll dwar l-marka tal-mus. Sammut ghamilha cara li hu ma setghax jara l-mus minn fejn kien, pero sema' car lill-imputat jghid il-kelma 'daqqa' ta' mus' u l-movimenti ta' idejn l-imputat kienu dawk ta' xi hadd li ghandu mus f'idejh qed jipputtah lejn Polidano. Fil-fatt kemm Polidano u Sammut xehdu li huma 'keshu' waqt dan l-incident, u tant thawwdu li Polidano ma marx mill-ewwel jirraporta l-Ghassa tal-Pulizija.

15. Id-difiza tissottometti wkoll li ma hemmx certezza morali li l-imputat huwa l-persuna li kien hemm fuq il-*locus delicti.* Il-Qorti tirrileva li kif qalet id-difiza stess, ix-xhud Yousef Essesi xehed li hu ta c-cwievet tal-BMW lil Stephen Galea, li gharaf bhala l-imputat waqt ix-xhieda tieghu. Huwa vera li fix-xhieda tieghu Essesi qal li ma jiftakarx dettalji dwar meta ghaddielu dawn ic-cwievet, u lanqas kien jaf fejn jirresjedi l-imputat. Pero Essesi ta dawn id-dettalji lill-Ufficjal tal-Pulizija PC 2384 Christine Penza fit-8 ta' Dicembru 2022, kif jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija. Skond dan ir-rapport, Essesi qal li l-vettura kienet fil-pussess tal-imputat bejn it-30 ta' Novembru 2022 u l-5 ta' Dicembru 2022, kif ukoll indika t-triq li fiha joqghod l-imputat.[6] Dan ir-rapport gie konfermat bil-gurament minn PC 2384 Christine Penza, u ma gie bl-ebda mod kontradett mid-difiza.

16. In oltre, kemm Polidano kif ukoll Sammut bil-gurament taghhom quddiem din il-Qorti gharfu lill-imputat bhala l-persuna li kienet qieghda issuq il-BMW fl-incident in

---

[4] Ara fol. 49-50 tal-process.
[5] Ara fol. 50 tal-process.
[6] Ara fol. 163 tal-process.

kwistjoni. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni irnexxiela tipprova sal-grad rikjest minnha fil-kamp kriminali li l-imputat hu l-persuna li kienet involuta fl-incident in kwistjoni.

17. L-imputat jinsab mixli wkoll li kkaguna danni involontarji fuq il-vettura Chevrolet liema danni ma jeccedux is-somma ta' €2,500. Polidano ma kellux stima tal-hsara tal-vettura Chevrolet, pero xehed li kellha zewg ghafsiet fuq il-bieba ta' wara. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ohra ta' dawn id-danni. Ghalkemm gie debitament ippruvat li l-imputat involontarjament ikkaguna danni lill-vettura Chevrolet, fl-opinjoni tal-Qorti, l-ispejjez sabiex jigu riparati zewg ghafsiet fuq il-bieba m'ghandhomx jeccedu is-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250).

18. Gie debitament ippruvat ukoll li fid-data tal-incident, il-licenzja tas-sewqan tal-imputat kienet revokata,[7] u ghalhekk mhux biss kien qed isuq minghajr licenzja valida tas-sewqan, izda wkoll minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji dwar terzi persuni. Mis-zewg sentenzi ezebiti mill-Assistent Registratur Stephania Calafato Testa f'dawn l-atti jirrizulta li l-imputat diga instab hati darbtejn ohra li saq vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni.[8]

19. Gie wkoll ippruvat li l-imputat m'ghandux licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija izomm armi barra mill-fond li fih jirrisjedi.[9]

20. In oltre jirrizulta li skond id-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Qorti Kriminali fis-7 t'Ottubru 2020 fi proceduri ohra pendenti kontrih, l-imputat kien marbut li jirritorna d-dar fit-8.00pm u ma johrogx mid-dar qabel is-7.30am.[10] Mill-provi jirrizulta ampjament li l-imputat kien qed isuq il-vettura BMW fis-sieghat bikrin tal-4 ta' Dicembru 2022, u konsegwentement kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.

21. Addebitu tar-recidiva gie debitament ippruvat biz-zewg sentenzi ezebiti mill-Assistent Registratur, u bix-xhieda taghha.[11]

---

[7] Ara xhieda ta' Dr Chris Spiteri a fol. 91 *et seq.* tal-process.
[8] Ara sentenzi ezebiti a fol. 80 u fol 82 tal-process..
[9] Ara xhieda ta' PC 2183 Sarah Agius a fol. 83 *et seq.* tal-process.
[10] Ara fol. 78 tal-process.
[11] Ara fol 68 *et seq.* tal-process.

22. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

23. Fl-ikkallibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-fedina penali tal-imputat mhix wahda felici. Huwa ghandu tminn (8) kundanni minn dawn il-Qrati ghal diversi reati, li jinkludu r-reat li ikkaguna danni volontarji, serq ikkwalifikat, ferita ta' natura hafifa, ksur tal-ligijiet tas-sewqan u r-reat li ikkaguna biza lil persuna li se tintuza vjolenza kontriha.

24. Mill-provi jirrizulta wkoll li l-imputat ghandu problema serja ta' tossikodipendenza fuq id-droga kokaina. Is-sena l-ohra huwa beda programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mal-Agenzija Sedqa, pero telaq wara biss tlett (3) gimghat ghalkemm baqa' f'kuntatt mal-istess Agenzija.[12]

25. L-imputat inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu. Huwa tqieghed taht ordni ta' liberta kundizzjonata, taht zewg ordnijiet ta' probation, u inghata tlett sentenzi sospizi. Pero jidher li l-imputat ma tghallem xejn, u baqa' jippersisti fit-triq tieghu tal-kriminalita.

26. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza taghmel riferenza ghall-iskopijiet tal-piena kif enuncjati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzereno Micallef** deciza fit-28 ta' Novembru 2006 fejn intqal hekk:

*"… … (H)uwa minnu li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u*

[12] Ara xhieda ta' Karl Colin Mercieca a fol. 193 tal-process.

*ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

27. Ghalkemm il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali, hija ma tistax ma tosservax li matul dawn il-proceduri l-imputat ma wera l-ebda hegga li jirriforma ruhu. Fil-fatt ghalkemm din il-Qorti poggietu taht ordni temporanja ta' supervizjoni, huwa naqas li jaghmel kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation Donnalise Camilleri mahtura f'dawn il-proceduri.[13] Il-Qorti tirrileva li ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha d-difiza taghmel riferenza ghas-*social enquiry report* tal-Ufficjal tal-Probation Anabel Bugeja, din l-Ufficjal tal-Probation ma gietx mahtura f'dawn il-proceduri, u dan is-*social enquiry report* ma jifformax parti minn dawn il-proceduri.

28. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li fil-kaz odjern, l-imputat wara li kien kagun ta' kollizjoni ta' vetturi, werwer permezz ta' mus lil Mauro Polidano, ix-xufier tal-vettura l-ohra, biex ma jcempilx lil wardens jew lil Pulizija stante biex ma jinkixifx li kien qed jikser il-kundizzjoni tar-rinkasar fid-digriet tal-helsien mill-arrest u li kien qed isuq minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan. Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, socjeta civili ma tistax tittollera l-prepotenza ta' min, ghax taqbizlu c-cinga, jew ghax jidhirlu li ghandu lment kontra haddiehor (anke jekk dak l-ilment ikun fil-fatt gustifikat), jew biex jahbi l-kommissjoni ta' reat, jhedded jew ibezza' lil dak il-haddiehor. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirriprestinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventerat mill-arroganza jew il-prepotenza anke jekk din ma timmanifestax ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika, izda f'forma ta' theddid ta' vjolenza fizika.

**Konkluzjoni**

29. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

[13] Ara fol. 182 tal-process.

1. Wara li rat l-Artikoli 579(2) u (3), 251(3), 251H(g), 339(e), 328(d), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 6 u 8 tal-Kapitolu 480, l-Artikolu 15(1)(a) u (3) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 3(1) u (2)(c) tal-Kaptiolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erba' (4) snin, li minnha ghandu jitqassas kull zmien li l-imputat inzamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

2. Inoltre ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.

3. Tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest moghti lill-hati mill-Qorti Kriminali fis-7 ta' Ottubru 2020 u tordna ir-riarrest tieghu f'dawk il-proceduri kriminali, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tordna biss il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depositu ta' elfejn Euro (€2000), liema depositu kien impost fl-istess digriet.

4. Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Mauro Polidano. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

30. Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lil din il-Qorti diversament preseduta li quddiemha jinsabu pendenti l-proceduri kriminali kontra l-hati.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**